

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL****tal-14 ta' Lulju 2015****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma ta' Malta għall-2015 u l-għoti ta' opinjoni tal-Kunsill  
dwar il-Programm ta' Stabbiltà ta' Malta tal-2015**

(2015/C 272/21)

IL-KUNSILL TAL UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjegji,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tiġi mnedija strateġija ġdida għat-tkabbir u l-impjegji, bl-isem ta' Ewropa 2020, li tkun imsejsa fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi. L-istrateġija tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn hija meħtieġa azzjoni biex tingħata spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività.
- (2) Fl-14 ta' Lulju 2015, il-Kunsill, abbażi tal-proposti tal-Kummissjoni, adotta Rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u l-Unjoni u, fil-21 ta' Ottubru 2010, adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politiki tal-impjegji tal-Istati Membri <sup>(2)</sup>. Flimkien dawn jagħmlu l-linji gwida integrati li l-Istati Membri ġew mistiedna jikkunsidraw fil-politiki nazzjonali tagħhom dwar l-ekonomija u l-impjegji.
- (3) Fit-8 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni <sup>(3)</sup> dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma ta' Malta għall-2014 u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Stabbiltà aġġornat ta' Malta għall-2014. Fit-28 ta' Novembru 2014, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 473/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(4)</sup>, il-Kummissjoni ppreżentat l-opinjoni tagħha dwar l-abbozz ta' pjan baġitarju ta' Malta għall-2015.

<sup>(1)</sup> ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

<sup>(2)</sup> Inżammu permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/322/UE tas-6 ta' Mejju 2014 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjegji għall-2014 (ĠUL 165, 4.6.2014, p. 49).

<sup>(3)</sup> Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Lulju 2014 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2014 ta' Malta u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà ta' Malta, 2014 (ĠU C 247, 29.7.2014, p. 83).

<sup>(4)</sup> Regolament (UE) Nru 473/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjani baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro (ĠUL 140, 27.5.2013, p. 11).

- (4) Fit-28 ta' Novembru 2014, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li jimmarka l-bidu tas-Semestru Ewropew 2015 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Fl-istess ġurnata, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(1)</sup>, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih Malta ma ġietx identifikata bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru għandu jitwettaq rieżami fil-fond.
- (5) Fit-18 ta' Diċembru 2014, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet sabiex jiġi stimulat l-investiment, biex b'hekk kienu msaħħa r-riformi strutturali u titkompla t-triq lejn konsolidazzjoni fiskali responsabbli li tiffavorixxi t-tkabbir.
- (6) Fis-26 ta' Frar 2015, il-Kummissjoni ppubblikat ir-rapport tagħha tal-pajjiż tal-2015 għal Malta. Dan ivvaluta l-progress li għamlet Malta fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fit-8 ta' Lulju 2014.
- (7) Fis-17 ta' April 2015, Malta ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2015 u, fit-30 ta' April 2015, il-Programm ta' Stabbiltà tal-2015 tagħha. Sabiex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien.
- (8) Bħalissa Malta qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir wara t-tħassir tal-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv f'Ġunju 2015<sup>(2)</sup>. Fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu tal-2015, il-Gvern qed jippjana titjib gradwali tad-defiċit nominali għal 1,6 % tal-PDG fl-2015 u ulterjorment għal-0,2 % tal-PDG fl-2018. Fuq il-bażi tat-tbassir tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa tal-2015, id-defiċit eċċessiv jista' jitqies li ġie kkoreġut fl-2014. Skont il-Programm ta' Stabbiltà, il-Gvern qed jippjana li jilħaq l-oġettiv tat-terminu medju — pożizzjoni baġitarja bilanċjata f'termini strutturali — sal-2019, sena wara l-perjodu tal-programm. Skont il-Programm ta' Stabbiltà, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern hu mistenni li jonqos gradwalment għal 61,2 % fl-2018. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawżibbli. Jidher li hemm riskju ta' xi devjazzjoni mill-aġġustament mitlub ta' 0,6 % tal-PDG lejn l-oġettiv ta' terminu medju kemm fl-2015 u fl-2016. Fl-2015, it-titjib fil-bilanċ strutturali hu mbassar li jkun 0,1 % tal-PDG inqas mir-rekwiżit. Filwaqt li l-aġġustament ipproġettat għall-2016 hu konformi mar-rekwiżit, hemm riskju ta' xi devjazzjoni matul l-2015 u l-2016 meta jittieħdu flimkien. Il-miżuri biex jappoġġaw il-miri tad-defiċit ipplanati mill-2016 'il quddiem ma ġewx speċifikati biżżejjed. Għalhekk, ser ikun hemm bżonn miżuri ulterjuri fl-2015 u fl-2016. Fuq il-bażi tal-valutazzjoni tiegħu tal-Programm ta' Stabbiltà u meta jikkunsidra t-tbassir tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa tal-2015, il-Kunsill hu tal-opinjoni li Malta hi mistennija tikkonforma b'mod ġenerali mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.
- (9) Is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi ta' Malta hija friskju fuq perjodu twil ta' żmien, b'mod partikolari fid-dawl ta' żieda pproġettata fin-nefqa relatata mal-età. Fis-sistema tal-pensjonijiet, iż-żieda leġiżlata fl-età statutorja tal-irtirar qed tiġi introdotta b'pass kajman ħafna u ma hemm l-ebda rabta bejn l-età statutorja tal-irtirar u l-istennija tal-għomor. Malta indirizzat l-isfidi tas-sistema tal-pensjonijiet tagħha permezz ta' miżuri tas-suq tax-xogħol u l-introduzzjoni tal-pensjonijiet tat-tielet pilastru, u ħabbret aktar politiki fil-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha, iżda l-miżuri mmirati sabiex itejbu sostanzjalment is-sostenibbiltà u l-adegwatezza tas-sistema għad iridu jiġu mħabbra u implimentati. L-implimentazzjoni ta' strateġija tal-2014 tas-sistemi tas-saħħa nazzjonali bdiet, bil-għan li timmassimizza l-effiċjenza tas-sistema tal-kura tas-saħħa filwaqt li tikseb sostenibbiltà finanzjarja tagħha. Dan jeħtieġ li jkun immonitorjat.
- (10) Malta daħħlet fis-seħħ miżuri biex tgħin lill-popolazzjoni tagħha timmaniġġja l-bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u tal-familja tagħha, b'mod partikolari permezz ta' inċentivi fiskali, il-forniment kontinwu ta' ċentri għall-kura tat-tfal b'xejn u l-introduzzjoni ta' arranġamenti ta' xogħol flessibbli. Fl-istess ħin, iż-żieda fid-domanda għal kura informali fit-tul u nuqqas ta' ħiliet adatti jstgħu jkunu qed itellfu lin-nisa aktar anzjani milli jfittxu xogħol fis-suq tax-xogħol. F'Ġunju 2014 ġew ippubblikati strateġija nazzjonali għal-litteriżmu u strateġija għal dawk li jħallu l-iskola kmieni. Għaddejja wkoll ħidma dwar l-allinjament tal-eżiti tal-edukazzjoni mal-ħtiġijiet tas-suq, għalkemm għadhom iridu jiġu murija rizzultati tanġibbli.
- (11) Saru sforzi biex jiġi pprovdut qafas għall-użu ta' fondi ta' kapital ta' riskju u biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-swieq tal-kapital, b'mod partikolari permezz tal-analiżi tal-iskema start-up tal-Malta Enterprise u l-programm imħabbar biex inissel l-investiment. Għaddejja wkoll ħidma dwar it-twaqqif ta' bank ta' żvilupp. Dan jeħtieġ li jkun immonitorjat.

(1) Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

(2) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1025 tad-19 ta' Ġunju 2015 li tħassar id-Deċiżjoni 2013/319/UE dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv f'Malta (ĠU L 163, 30.6.2015, p. 35).

- (12) L-isforzi li qed tagħmel Malta biex tiġġieled l-evażjoni tat-taxxa u tinkoraġġixxi l-konformità fiskali permezz ta' qafas sempliċi u effiċjenti tal-ġbir tad-dħul huma fid-direzzjoni t-tajba. Filwaqt li l-ħidma tinsab għaddejja, hemm bżonn li jkun hemm miżuri konkreti biex jaqdbu malajr kemm jista' jkun l-użu ta' pagamenti elettroniċi.
- (13) It-tul tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku tnaqqas b'mod sinifikanti permezz tal-introduzzjoni mandatorja tal-akkwist elettroniku u t-tisħiħ tad-dipartimenti rilevanti tal-gvern. Dan se jkompli jtnaqqas permezz tal-implimentazzjoni tal-miżuri mħabbra, b'mod partikolari r-reklutaġġ ta' persunal addizzjonali u l-introduzzjoni ta' sistema ta' traċċar. Il-kostijiet tat-trasport għandhom rwol sostanzjali fl-ekonomija ta' Malta. Riforma tat-trasport tnediet reċentement, iżda l-Gvern għad irid jippreżenta strateġija komprensiva tat-trasport.
- (14) Il-Programm Nazzjonali ta' Riforma jispeċifika miżuri biex jirrifomaw is-sistema tal-ġustizzja lil hinn minn dawk identifikati fir-rapport tal-pajjiż. B'riżultat ta' dan, Malta għamlet xi progress fl-indirizzar tar-rakkomandazzjoni speċifika tal-pajjiż tal-2014 fuq iż-żieda fl-effiċjenza tal-ġudikatura. Barra minn hekk, qed jiġi ffinalizzat abbozz ta' liġi. Meta din tidħol fis-seħħ u tiġi implimentata, mistennija li ttejjeb aktar l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja, b'mod partikolari permezz tad-diġitalizzazzjoni tal-proċedimenti tal-qrati u l-promozzjoni ta' mekkaniżmi ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim.
- (15) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika ta' Malta u ppubblikatha fir-rapport tal-pajjiż tal-2015. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà u l-Programm ta' Riforma Nazzjonali u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lil Malta fi snin preċedenti. Hija mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli f'Malta iżda qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-hteġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (4) ta' hawn taħt.
- (16) Abbażi ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà, u l-opinjoni <sup>(1)</sup> tiegħu hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt.
- (17) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet ukoll analiżi tal-politika ekonomika taż-żona tal-euro inġenerali. Fuq il-bażi ta' din l-analiżi, il-Kunsill ħareġ rakkomandazzjonijiet speċifiki indirizzati lill-Istati Membri li l-munita tagħhom hi l-euro <sup>(2)</sup>. Bħala pajjiż li l-munita tiegħu hija l-euro, Malta għandha tiżgura wkoll l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li Malta tieħu azzjoni fl-2015 u l-2016 biex:

1. Wara l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, twettaq aġġustament fiskali ta' 0,6 % tal-PDG lejn l-oġettiv baġitarju ta' terminu medju fl-2015 u fl-2016.
2. Tieħu miżuri biex ittejjeb il-ħiliet bażiċi u tnaqqas aktar it-tluq bikri mill-iskola, billi tippromwovi l-iżvilupp professjonali kontinwu tal-għalliema.
3. Tiżgura s-sostenibbiltà fuq terminu twil tal-finanzi pubbliċi, tkompli r-riforma tal-pensjonijiet li diġà nbdi, bħal pereżempju billi taċċellera ż-żieda fl-età statutorja tal-irtirar diġà adottata u billi b'mod konsekuttiv torbotha mal-bidliet fl-istennija tal-għomor.
4. Ittejjeb l-aċċess tal-intrapriżi zġhar u dawk mikro għall-finanzjament, b'mod partikolari permezz ta' strumenti mhux bankarji.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Lulju 2015.

Għall-Kunsill

Il-President

P. GRAMEGNA

<sup>(1)</sup> Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

<sup>(2)</sup> ĠU C 272, 18.8.2015, p. 98.